



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8348/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0113 (NLE)

EEE 22
AELE 21
VETER 34
PHYTOSAN 15
MI 303

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata,
f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,
dwar l-emenda tal-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji)
tal-Ftehim ŻEE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE stabbilit mill-Ftehim ŻEE ('il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE') jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness I għall-Ftehim ŻEE, li fih dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/300² trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għaldaqstant, l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/300 tad-19 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi pjan ġenerali għall-immaniġġjar ta' kriżijiet fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf (ĠU L 50, 21.2.2019, p. 55).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda għall-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/300 tad-19 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi pjan ġenerali għall-immaniġġjar ta' kriżijiet fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf¹ trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/300 tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/478/KE, li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement trid titħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward il-kwistjonijiet veterinarji u l-ġhalf. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji u l-ġhalf ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I għall-Ftehim ŻEE. Din id-Deċiżjoni għaldaqstant ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) L-Anness I għall-Ftehim ŻEE għaldaqstant jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 50, 21.2.2019, p. 55.

Artikolu 1

L-Anness I għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 59 (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/503/UE) fil-Parti 7.2 tal-Kapitolu I:

‘60. **32019 D 0300:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/300 tad-19 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi pjan ġenerali għall-immaniġġjar ta' kriżijiet fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf (ĠU L 50, 21.2.2019, p. 55).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Meta l-Kummissjoni tidentifika sitwazzjoni msemija fl-Artikolu 56(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 li fiha Stat tal-EFTA jkun ikkonċernat direttament u jistabbilixxi unità ta' kriżi f'konformità mal-Artikolu 56(2) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-koordinatur(i) ta' kriżi maħtur(a) mill-Istat tal-EFTA direttament ikkonċernat u l-koordinatur ta' kriżi maħtur mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jieħdu sehem fil-ħidma tal-unità ta' kriżi.”

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 47a (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 16/2011) tal-Kapitolu II:

‘47b. **32019 D 0300**: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/300 tad-19 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi pjan ġenerali għall-immaniġġjar ta' kriżijiet fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf (ĠU L 50, 21.2.2019, p. 55).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Meta l-Kummissjoni tidentifika sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 56(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 li fiha Stat tal-EFTA jkun ikkonċernat direttament u jistabbilixxi unità ta' kriżi skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-koordinatur(i) ta' kriżi maħtur(a) mill-Istat tal-EFTA direttament ikkonċernat u l-koordinatur ta' kriżi maħtur mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jieħdu sehem fil-ħidma tal-unità ta' kriżi.”

3. It-test tal-punti 31 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/478/KE) fil-Parti 7.2 tal-Kapitolu I u l 43 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/478/KE) tal-Kapitolu II jitħassar.

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/300 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li ser jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

* [Ma huwa indikat ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.]

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
